## Il-Ħadd, 30 ta' Diċembru 2018

Wara tlitt ijiem, lil Ġesù sabuh fit-tempju ... Kif rawh, instamtu, u ommu qaltlu: "Ibni, dan għaliex għamiltilna hekk? Ara, missierek u jiena konna qegħdin infittxuk b'qalbna maqsuma!" U hu qalilhom: "U għaliex kontu qegħdin tfittxuni? Ma tafux li jiena għandi nkun f'dak li hu ta' Missieri?" Iżda kliemu ma fehmuhx. Imbagħad niżel magħhom u reġa' mar Nazaret; u kien jobdihom. U ommu kienet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha. U hekk Ġesù baqa' jikber fl-għerf, fis-snin u fil-grazzja, quddiem Alla u quddiem il-bnedmin.

***Mill-Evanġelju skont San Luqa, kapitlu 2, versi 46a.48-52***

# 29

"Il-familja ta' Ġesù, Marija u Ġużeppi hi skola tal-Evanġelju. Hawnhekk nammiraw il-milja tal-pjan divin li għamel il-familja bħala komunità speċjali ta' ħajja u ta' mħabba. Nitgħallmu li kull familja nisranija hi msejħa tkun 'knisja domestika', iddawwal bil-virtujiet evanġeliċi u ssir ħmira tat-tajjeb fis-soċjetà. Il-karatteristiċi tipiċi tal-Familja Mqaddsa huma: il-ġabra u t-talb, li jifhmu u jirrispettaw lil xulxin, l-ispirtu ta' sagrifiċċju, ix-xogħol u s-solidarjetà."

PAPA FRANĠISKU,
*Angelus*, 27 Diċembru 2015

*X'post għandhom fil-familja tiegħi l-għożża għal Alla u għall-membri l-oħra?*

*Id-dar li fiha noqgħod, kemm hi dar li nista' nkun tabilħaqq jien?*

# Mid-dar tagħna

Missier Qaddis, bil-ħidma tal-Ispirtu tiegħek fina,
ħa nagħmlu mid-dar tagħna knisja,
dar li fiha nidħlu ta' spiss fil-preżenza tiegħek,
bit-talb.
Ħa nagħmlu mid-dar tagħna skola,
dar li fiha - kbar u żgħar -
nitrawmu f'dak li jagħmilna iktar bnedmin
u f'dak li jagħmilna dixxipli aħjar ta' Ibnek Ġesù.
Ħa nagħmlu mid-dar tagħna palazz,
dar li fiha dak li l-iktar li għandu valur
huma aħna l-persuni li ngħixu fiha.
Ħa nagħmlu mid-dar tagħna klinika,
dar li fiha ndewwu l-feriti tal-ħajja
bil-balzmu tal-imħabba li noffru lil xulxin.
Ħa tkun il-Familja ta' Nazaret
li sseħibna fi vjaġġ bħal dan.

## It-Tnejn, 31 ta' Diċembru 2018

Fil-bidu kien il-Verb, u l-Verb
kien ma' Alla, u l-Verb kien Alla.
Hu kien fil-bidu ma' Alla. Kollox bih
sar, u xejn ma sar mingħajru;
kulma sar kellu l-ħajja fih, u l-ħajja
kienet id-dawl tal-bnedmin.
Id-dawl jiddi fid-dlam,
imma d-dlam ma għelbux ...
Kien fid-dinja, u d-dinja saret bih,
imma d-dinja ma għarfitux.
Ġie f'daru, u niesu ma laqgħuhx.
Imma lil dawk li laqgħuh
tahom is-setgħa li jsiru wlied Alla,
dawk li jemmnu f'ismu, li twieldu
mhux mid-demm, anqas mill-ġibda
tal-ġisem u anqas mir-rieda
tal-bniedem, iżda minn Alla.

***Mill-Evanġelju skont San Ġwann,***
***kapitlu 1, versi 1-5.10-13***

# 30

"Il-bnedmin jitkellmu ħafna
dwar id-dawl,
imma spiss jippreferu
t-trankwillità li tinganna, tad-dlam.
Aħna nitkellmu ħafna dwar il-paċi
imma spiss induru lejn il-gwerer
jew nagħżlu s-silenzju kompliċi,
jew inkella ma nagħmlu xejn
biex nibnu l-paċi ... Il-qalb
tal-bniedem tista' tirrifjuta d-dawl
u tagħżel id-dlam
għax id-dawl jikxef il-qerq tagħha.
Min jagħmel il-ħażin
jobgħod id-dawl,
jobgħod il-paċi."

PAPA FRANĠISKU,
*Angelus*, 4 Jannar 2015

# Dawl u dlam

*Fil-mumenti*
*tad-dlam*
*x'nagħmel?*

*Kemm jiena*
*miftuħ*
*għad-dawl*
*li joffri l-Mulej?*

Fil-vjaġġ ta' ħajjitna, Missier Qaddis,
filwaqt li tiżgurana li aħna nistgħu nsibuk,
Inti ma tħalliniex waħidna:
minbarra l-qawwa li hemm ġo fina u madwarna
li tiggwidana lejk,
hemm dawl partikulari li għandu isem:
Ġesù ta' Nazaret, Ibnek stess.
X'jista' jkollna aħjar minn Dak li Inti bgħattu
biex ikun id-Dawl tad-dinja?
X'jista' jkollna aħjar minn Dak
li jwassal għall-milja tiegħu
dak li aħna għandna u dak li hu sabiħ u kbir fina?
X'jista' jkollna aħjar minn Dak
li jegħleb kull dlam fina u fid-dinja?
Agħmel, Missier ħanin, li l-qalb tagħna
qatt ma tasal biex tirrifjuta d-Dawl tiegħek.

## It-Tlieta, 1 ta' Jannar 2019

Ir-rgħajja marru jgħaġġlu,
u sabu lil Marija
u lil Ġużeppi,
bit-tarbija mimduda f'maxtura.
Kif raw dan,
bdew jgħarrfu
b'kulma kien intqal lilhom
dwar dik it-tarbija,
u kull min semagħhom
baqa' mistagħġeb
b'dak li qalulhom ir-rgħajja.
Marija,
min-naħa tagħha,
baqgħet tgħożż f'qalbha
dawn il-ħwejjeġ kollha
u taħseb fuqhom
bejnha u bejn ruħha.

***Mill-Evanġelju skont San Luqa,***
***kapitlu 2, versi 16-19***

# 31

"Marija hi l-mara li taf tgħożż
f'qalbha, jiġifieri tipproteġi,
tħares fil-qalb tagħha l-mogħdija
ta' Alla fil-ħajja tal-poplu tiegħu.
Minn ġufha hi tgħallmet tisma'
t-taħbita tal-qalb ta' Binha
u dan għallimha - għal tul ħajjitha -
- tiskopri t-taħbita ta' qalb Alla
fl-istorja. Tgħallmet tkun omm
u, f'dak it-taħriġ,
tat lil Ġesù l-esperjenza sabiħa
li jagħraf li hu Iben.
F'Marija, il-Verb etern mhux biss
sar laħam, imma tgħallem jagħraf
il-ħlewwa materna ta' Alla."

PAPA FRANĠISKU,
Omelija, 1 Jannar 2017

*Li Marija*
*hija ommi,*
*din hi biss*
*xi ħaġa*
*ta' devozzjoni?*

*Xi frott nixtieq*
*naħsad*
*mill-maternità*
*tagħha?*

# Minn ġo qalbha

Marija, inti dik il-mara
li tassew għandek x'toħroġ mill-qalb tiegħek;
għax inti qalbek fittixt li tfawwarha b'Alla;
għax inti qalbek fittixt li timlieha
b'dak kollu li Hu jwettaq b'risq il-poplu tiegħu;
għax inti qalbek fittixt li tkebbibha
f'Ibnu u f'Ibnek Ġesù.
U allura, inti ma tistax ma tħobbx dak li jħobb Hu;
ma jistax ma jkunx għażiż għalik
dak li hu għażiż għaliH.
Hu għalhekk li minn qalbek toħroġ maternità
li tinfirex fuq il-bnedmin kollha;
hu għalhekk li minn qalbek toħroġ maternità
li tħalli frott kbir f'kull min jilqagħha;
hu għalhekk li minn qalbek toħroġ maternità
għaż-żminijiet kollha.

## L-Erbgħa, 2 ta' Jannar 2019

Ix-xhieda ta' Ġwanni kienet din:
meta l-Lhud ta' Ġerusalemm
bagħtu għandu xi qassisin u Leviti
biex jistaqsuh: "Int min int?"
Hu stqarr bla ma ċaħad:
"Jien m'iniex il-Messija."
Huma reġgħu staqsewh:
"Mela min int? ...
U hu wieġeb kif qal il-profeta Isaija:
"Jiena l-leħen ta' wieħed
jgħajjat fid-deżert:
'Wittu t-triq tal-Mulej'"...
"Jiena ngħammed bl-ilma,
imma f'nofskom hemm wieħed
li intom ma tafuhx, u li ġej warajja;
jiena anqas jistħoqqli
nħoll il-qafla tal-qorq tiegħu."

***Mill-Evanġelju skont San Ġwann,***
***kapitlu 1, versi 19-21a.23.26-27***



"Ix-xhieda ta' Ġwanni l-Battista
tgħinna nimxu 'l quddiem
fix-xhieda tal-ħajja tagħna.
Is-safa tal-aħbar li kien iwassal,
il-kuraġġ tiegħu li jxandar il-verità,
irnexxilhom iqanqlu l-istennija u
t-tama fil-Messija li għal xi żmien
kienu mħeddla.  Illum ukoll,
id-dixxipli ta' Ġesù huma msejħin
biex ikunu xhieda tiegħu umli
u kuraġġużi biex jerġgħu jixegħlu
t-tama, biex ifiehmu li, minkejja
kollox, is-Saltna t'Alla għadha
qed tinbena kull jum li jgħaddi
bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu."

PAPA FRANĠISKU,
*Angelus*, 9 Diċembru 2018

*Jien nisrani tal-geddum?*

*Min jiltaqa' miegħi, x'ngħaddilu?*

# Nies ta' tama

Dinja li, għal raġuni jew għal oħra,
qiegħda titlef it-tama,
min jagħtiha din it-tama għandha bżonn.
U min se jagħtihielha, Mulej?
Lid-dixxipli tiegħek,
inti propju tagħtihom is-sejħa sabiħa
li jkunu nies ta' tama.
Inti ssejħilhom biex ikunu huma l-ewwel
li jħaddnu dik it-tama
li l-għajn tagħha mhumiex huma,
imma huwa Int bħala Messija.
Lid-dixxipli tiegħek, inti ssejħilhom ukoll
biex jiżirgħu t-tama kull fejn ikunu,
imqawwijin mill-fatt li Inti Alla
li għadek għaddej bil-ħidma fejjieda tiegħek
fl-istorja tagħna l-bnedmin.

## Il-Ħamis, 3 ta' Jannar 2019

Ġwanni ra lil Ġesù riesaq lejh,
u qal: "Araw il-Ħaruf ta' Alla,
li jneħħi d-dnub tad-dinja!
Dan hu li għalih għedtilkom:
"Warajja ġej bniedem
li hu aqwa minni,
għax kien qabli".
Anqas jien stess ma kont nafu;
imma jien
għalhekk ġejt ngħammed bl-ilma,
biex hu jkun mgħarraf lil Iżrael."
U Ġwanni xehed għalih
u qal: "Jiena rajt l-Ispirtu
nieżel mis-sema bħal ħamiema
u joqgħod fuqu ...
Għalhekk xhedt:
"Dan hu l-Iben ta' Alla."

***Mill-Evanġelju skont San Ġwann,***
***kapitlu 1, versi 29-33.34b***



"Ġesù ġie fid-dinja b'missjoni ċara:
li jeħlisha mill-jasar tad-dnub,
billi jitgħabba bil-ħtijiet
tal-ġens uman. Kif? Bl-imħabba.
M'hemmx mod ieħor
kif tirbaħ il-ħażen u d-dnub
jekk mhux bl-imħabba li twassal
għall-għotja tal-ħajja għall-oħrajn.
Fix-xhieda tal-Battista,
Ġesù għandu fih il-kwalitajiet
tal-Qaddej tal-Mulej, li rafa' fuqu
l-mard tagħna ... sa fuq is-salib.
Hu l-veru ħaruf
tal-Għid, li jogħdos fix-xmara
tad-dnub tagħna, biex isaffina."

PAPA FRANĠISKU,
*Angelus*, 19 Jannar 2014

# Ħaruf

*X'valur nara*
*f'li nixbah*
*lil Dak*
*li l-istil ta' ħajtu*
*huwa dak*
*ta' ħaruf?*

*Jien bniedem*
*li hu kburi*
*li ma jħalli*
*lil ħadd*
*iqiegħedlu*
*l-bżieq*
*fuq imnieħru?*

Din ix-xbieha tiegħek, Mulej, tista' tiskantana;
għax il-ħaruf hu ħlejqa li saħħtu
ma tippermettilhux jerfa' fuq spallejh piż tqil.
Imma l-ħaruf hu b'saħħtu fi ħwejjeġ oħra:
fil-fedeltà, fl-ubbidjenza, fil-ħlewwa,
fl-imħabba, fit-tbatija fis-skiet.
U dawn huma Int, Mulej,
u b'dawn Inti tieħu fuqek
id-dnubiet tad-dinja biex tneħħihom.
Agħmel li aħna nkunu dixxipli tiegħek
bħala Ġesù, il-Ħaruf ta' Alla,
billi nqiegħdu l-innoċenza flok il-ħażen,
l-imħabba flok il-qawwa,
l-umiltà flok is-suppervja,
il-qadi flok il-popolarità.
U hekk inkunu tassew il-belt li qiegħda fuq għolja!

## Il-Ġimgħa, 4 ta' Jannar 2019

Ġwanni raġa' kien hemm
ma' tnejn mid-dixxipli tiegħu.
Ħares lejn Ġesù li kien għaddej
minn hemm,
u qal: "Araw il-Ħaruf ta' Alla!"
Iż-żewġ dixxipli
semgħuh jgħid dan,
u marru wara Ġesù.
Ġesù dar u rahom mexjin
warajh, u qalilhom: "Xi tridu?"
Iżda huma staqsewh:
"Fejn toqgħod, Rabbi?" -
li tfisser Mgħallem.
Hu weġibhom: "Ejjew u taraw".
U marru miegħu
u raw fejn kien joqgħod,
u dakinhar baqgħu miegħu.

*Mill-Evanġelju skont San Ġwann, kapitlu 1, versi 35-39a*



"Iż-żewġ dixxipli jimxu lejn Ġesù u mbagħad ikomplu jagħmlu biċċa triq miegħu ... Il-fidi hi li timxi ma' Ġesù. Hi mixja li ddum tul ħajjitna kollha ... Tabilħaqq, f'xi mumenti tul din il-mixja nħossuna għajjenin u mħawdin. Iżda l-fidi ttina ċ-ċertezza li Ġesù qiegħed il-ħin kollu magħna f'kull sitwazzjoni ... Aħna msejħin biex nimxu ħa nidħlu dejjem aktar 'l ġewwa fil-misteru ta' l-imħabba t'Alla, Alla li qiegħed fuqna biex jindukrana u jippermettilna ngħixu b'serenità u b'tama."

PAPA FRANĠISKU,
*Diskors lill-Katekumeni,* 23 Novembru 2013

*Il-kumpanija tal-Mulej kemm infittixha?*

*Liema mixja qed nagħmel miegħu bħalissa?*

# Li timxi miegħu

Irrid nemmen, Mulej,
li meta nħallik takkumpanjani,
jiena nidħol fid-dinja tiegħek ta' Alla li Int;
meta nimxi miegħek,
quddiemi jinfetħu orizzonti mhux żgħar;
meta nagħmilha miegħek
nagħraf lil Alla Missierek u mħabbtu għalija.
U mbagħad bħal donnu l-għejja
ma tibqax għejja;
u mbagħad bħal donnu t-taħwid
ma jibqax taħwid;
u mbagħad bħal donnu t-tbatija
ma tibqax tbatija.
Agħmel li jiena niggosta l-kumpanija tiegħek.
Agħmel li jien ngħix fiha.
Agħmel li jien nimtela biha.

## Is-Sibt, 5 ta' Jannar 2019

Ġesù ddeċieda
li jitlaq lejn il-Galilija.
Sab lil Filippu u qallu:
"Ejja warajja!"
Filippu kien minn Betsajda,
il-belt ta' Indrì u Pietru.
Filippu sab lil Natanjel
u qallu:
"Sibna lil dak
li fuqu kitbu Mosè fil-Liġi,
u l-profeti
fil-kotba tagħhom:
Ġesù minn Nazaret,
bin Ġużeppi".
Qallu Natanjel:
"Tista' toħroġ xi ħaġa tajba
minn Nazaret?"

***Mill-Evanġelju skont San Ġwann,***
***kapitlu 1, versi 43-46a***

35

"Alla għażel li jitwieled f'familja tal-bnedmin, li Hu stess sawwarha f'raħal minsi fit-truf tal-Imperu Ruman ... Dan jgħiduhulna l-Vanġeli wkoll, qisha kienet xi espressjoni popolari: 'Tista' toħroġ xi ħaġa tajba minn Nazaret?' Forsi, f'ħafna partijiet tad-dinja, aħna stess għadna nitkellmu hekk, meta nisimgħu l-isem ta' xi post fil-periferija ta' belt kbira. Safrattant, propju minn dik il-periferija tal-Imperu kbir, bdiet l-iktar storja qaddisa u tajba, dik ta' Ġesù fostna l-bnedmin!"

PAPA FRANĠISKU,
*Udjenza Ġenerali,* 17 Diċembru 2014

*Nemmen jien bis-serjetà f'Alla tal-periferija?*

*X'piż nagħti lil dak li jidher insinifikanti?*

# Alla tal-periferija

Mulej, Inti Alla tal-periferija.
Mulej, Inti Alla
li għandek namra speċjali mal-periferija.
Mulej, Inti Alla
li twettaq il-ħolm tiegħek għall-bniedem
bil-periferija.
Mulej, Inti Alla
li tagħmel lilek innifsek preżenti fil-periferija.
Mulej, Inti Alla
li allura għandek għal qalbek
il-persuni kollha li l-periferija tirrapreżenta.
Mulej, Inti Alla li ssibek fl-imwarrab.
Mulej, Inti Alla li tarak fil-minsi.
Mulej, Inti Alla li tista' tmissek b'idejk
f'min hu skartat.
Għallimna nixbhuk.